MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 385/2010

**David Bonnici (K.I. 292379M)**
**vs**
**Gaetana Dingli (K.I. 236864M)**
**u ghall kull interess li jista' jkollu zewgha Joseph Dingli (K.I. 253762M)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' disgha mija hamsa u tletin ewro u sittin centezmu (€935.60) rapprezentanti bilanc dovut ghal xoghol tal-elettriku mwettaq ghand il-konvenuti.

Bl-imghax u spejjez skont il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn qalu li l-ammont allegatament dovut mill-attur mhuwiex dovut ghaliex l-attur thallas tax-xoghol u minflok ghandu jiehu, ghandu jhallas

ghad-danni li kkawza lill-konvenuti tax-xoghol hazin li ghamel kif qieghed jigi mitlub fil-kontro talba.

It-Tribunal ra li l-konvenuti intavolaw kontro talba fejn talbu s-somma ta' sitt mija u tletin ewro (€630) spejjez ghal xoghol hazin ta' elettriku li ghamel l-attur.

Ra li l-avukat difensur tal-attur ta' ruhu b'notifikat u qal li kien qieghed jikkontesta l-kontro talba. Izda ra li l-attur qatt ma pprezenta risposta ghall-kontro talba.

Ra li fis-seduta tat-18 ta' Novembru , 2010 kienet giet irtirata l-kontro talba tal-konvenuti izda ddikjaraw li kienu qieghdin izommu ferm id-drittijiet taghhom kollha minhabba l-allegati xoghlijiet hziena li saru. Ghalhekk it-Tribunal ha jillimita ruhu biss in kwantu ghat-talba u r-risposta kif intavolati.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' David Bonnici, Anthony Bonnici, Gaetana Dingli, Mario Debono.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi tal-attur jirrizulta li huwa kien ghamel xoghol tal-elettriku fil-fond tal-konvenuta fuq struzzjoni taghha kif ukoll xoghol iehor ta' *plumbing*. Illi l-attur qal illi kien dam kwazi xahrejn jahdem fil-fond tal-konvenuta u meta pprezentalha l-kont hija ma hallsitux izda ftit wara qaltlu li kienet ha thallsu bil-mod. Illi x-xogholijiet kienu tlestew sa Awwisu, 2009 u l-konvenuta qatt ma kienet ilmentat fuq ix-xoghol li kien ghamel, hlief ghal habta ta' Dicembru, 2009 meta marritilha plakka ta' l-elettriku, izda qal ukoll illi ma kienetx plakka li kien wahhal huwa. L-attur qal ukoll li ma kienx l-ewwel darba li kien hadem fil-fond tal-konvenuta u fil-passat dejjem kien thallas. Huwa stqarr illi ma kienx hemm ftehim bil-miktub bejniethom u lanqas ma kien ta' stima ghax-xoghlijiet li kellu jwettaq ghaliex ma kienx f'pozizzjoni illi jaghti stima ghaliex l-istruzzjonijiet kienu

qieghdin jinbidlu ta’ spiss. Huwa kkonferma li kien qieghed jiccargja erbgha u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€34.94) ghal kull plakka li wahhal u huwa kien ghamel sittax-il *point*. Fil-kontroezami spjega illi huwa ma kienx licenzjat jahdem bhala *electrician* izda huwa kellu *assessment report* mahrug mis-socjeta’ Panta Contracting Limited fejn l-attur kien gie promoss ghal *electrician II*. Spjega kif materjal biss, l-attur kien ghamel spejjez ta’ tliet mija tmienja u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€378.33) u kien zamm erba’ mija wiehed u erbghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€441.67) ta’ jdejh ghax-xoghol kollu wara li jitnaqqsu certi spejjez inkorsi minnu. Illi b’kollox huwa kkonferma l-ammont indikat fit-talba.

Illi missier l-attur xehed illi huwa kien imur jghin lil ibnu f’xoghlu u kien hadem ukoll fil-fond tal-konvenuta. Illi x-xoghlijiet kienu damu kwazi erba’ gimghat u b’kollox kienu qieghdu xi tnax-il *socket*. Qal ukoll illi huwa flimkien m’ ibnu kienu ghamlu xoghliiet fil-parti l-gdida tad-dar, kif ukoll kienu bidlu l-post ta’ fejn kien jinstab it-tank tal-ilma. Kienu ghamlu xoghlijiet preparattivi ghall-kanen ta’ l-ilma fl-estensjoni tal-bini.

Mix-xhieda tal-konvenuta jirrizulta li l-partijiet kienu ftiehmu li l-konvenuta thallsu mija u hamsin ewro (€150) u kellu jwahhlilha disa’ plakkek u tlett *switches*. Illi x-xoghlijiet zejda kienu ic-caqliq ta’ tank ta’ ilma minn post ghall-iehor u xi dwal li kellhom jitwahhlu fuq il-bejt u qanpiena tad-dar. Qalet ukoll illi l-attur kien gie ghandha xi hames darbiet u b’kollox ma kienx hadem iktar minn erbgha u ghoxrin siegha ghax-xoghlijiet li wettaq. Illi ghal habta ta’ Dicembru, 2009 kienet marret plakka li kien wahhal l-attur. Illi hija kellha ggib lil xi hadd iehor tas-sengha sabiex isolvilha l-problema ghaliex l-attur ma setghax imurilha. Illi dan ir-ragel tas-sengha li kienet gabet kien qalilha li x-xoghol li kien ghamel l-attur ma kienx skont is-sengha u ma kellux iqabbad is-sistema gdida fuq is-sistema ezistenti billi jghaddi x-xoghol mill-*main* ezistenti. Illi kien ghal din ir-raguni li kien inqata’ d-dawl. Qalet ukoll illi sal-lum il-*fuse* jittripja kull darba li s-sistema ezistenti tigi *over loaded*. Ix-xhud ikkonfermat illi kien

hemm xoghol ta’ caqliq tat-tank tal-ilma u ghal dan il-ghan, l-attur kellu jaghmel xoghlijiet ta’ kanen godda. Hija kkonfermat illi x-xoghlijiet kienu tlestew f’Lulju 2009 izda l-kont kien tahulha f’Awissu. In kontro- ezami xehdet illi ma kienx minnu li l-attur kien issugerixxa *wiring* mill-gdid ghal *sub-main* gdida. Hija nnegat ukoll illi l-attur kien qalilha li sabiex dan il-*wiring* il-gdid isir, kellu jhaffer t-trinek minn mal-hajt u li kellu jghaddi xoghol gdid ma *main* gdid tal-eletttrku u hija wiegbet li ma kienx minnu li kien issuggerixxa din is-soluzzjoni.

It-Tribunal sema’ x-xhieda ta’ Mario Debono, xhud prodott mill-konvenuta. Dan ix-xhud huwa *electrician* kwalifikat li gie mqabbad sabiex jikkonstata x-xoghlijiet li kienu saru mill-attur fil-fond tal-konvenuta. Dan ix-xhud kkonferma li huwa licenzjat sabiex jahdem l-elettriku kemm fuq xoghol domestiku kif ukoll fuq xoghol industrijali. Qal, li kien ra x-xoghlijiet fuq il-parti l-gdida tal-fond izda ma qabilx bhala principju mas-sistema ta’ kif hadem l-attur. Illi sabiex ix-xoghol jitwettaq skont is-sengha kien jirrikjedi li l-attur kellu jaghmel *re-circuiting* mill-gdid u fil-fehma tieghu dan ix-xoghol ma sarx skont is-sengha kif ukoll kien hemm xi ksur ukoll tar-regolamenti imposti kemm mill-*Enemalta* kif ukoll mill-*International Electrical Engineering Regulations*. Illi sabiex ix-xoghol sar sewwa kellu jsir *sub-main* li kellu jitwahhal ma’ *small consumer unit* li jahdem bhala *circuit breaker* iehor. Ra li x-xoghol tal-konvenuta kien kollu fuq *phase* wiehed u s-sistema li kien hemm ma kienx ha jiflah ghall-estensjoni li kienet xtaqet il-konvenuta. Huwa kien cert illi parti mix-xoghlijiet li wettaq l-attur ma kienux skont ir-regolamenti u dan b’riferenza partikolari ghall-plakka li kienet tinsab fil-kcina fejn il-*wire* kien gie midfun fil-hajt. Intqal ukoll illi l-installazjoni li kien ghamel l-attur kienet fuq *13 amp fuse* u kull darba li l-konvenuta kien ha jkollha zewg *appliances* mixghulin f’daqqa, d-dawl kien ha jtir. Ikkonferma wkoll illi l-attur kien mar kontra li kienu r-regolamentii stabbiliti mill-*Enemalta* u dawk ir-regolamenti stabbiliti skont l-*International Electrical Engineering Regulations*. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll lit-Tribunal illi tax-xoghol li kien ghamel l-attur, il-konvenuta kienet tfiq b’sebgha mitt ewro (€700), minghajr VAT. Qal ukoll illi

b'mija u hamsin ewro (€150) l-konvenuta kienet taghmel *circuit* gdid mad-dar sabiex tinqeda ahjar.
It-Tribunal ghandu quddiemu talba ghal hlas ghax-xoghlijiet tal-elettriku. Illi skont ix-xhieda tal-attur, huwa qieghed jitlob ukoll hlas ghal xoghol ta' *plumbing works* li huwa kien ghamel izda dawn ix-xoghlijiet ma jifformawx parti mit-talba. Illi huwa minnu li l-konvenuta kienet hallset is-somma ta'mija u hamsin ewro (€150) li skont l-attur kienu depozitu izda skont il-konvenuta dan l-ammont kien ghas-saldu tal-kont. Illi l-kont finali tal-attur kien ta' elf u hamsa u tmenin ewro u sittin centezmu (€1085.60) nkuz ix-xoghol tal-*plumbing*.

Illi wara li sema' u evalwa l-provi quddiemu t-Tribunal huwa tal-fehma li bhala xoghlijiet u spejjez kien hemm fil-fatt involuti aktar minn mija u hamsin ewro (€150) li biss biss huwa kien hareg tliet mija tmienja u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€378.33) minn butu bhala materjal. Illi peress illi t-talba hija biss ghax-xoghlijiet tal-elettriku, t-Tribunal, *arbitrio boni viri* qieghed jiddeciedi li l-hlas tas-servizzi tal-ilma li ta l-attur lill-konvenuta huma nkluzi fil-mija u hamsin ewro (€150) diga mhallsa mill-konvenuta u ghaldaqstant, il-bqija tat-talba tieghu hija ghax-xoghol kollu tal-elettriku li huwa kien wettaq.

Illi mix-xhieda tal-partijiet, it-Tribunal ghandu dubji serji dwar il-veracita' tal-verzjonijiet moghtija miz-zewg partijiet. Filwaqt illi l-attur qal illi x-xoghlijiet kienu hadu kwazi xahrejn, missieru qal li kienu damu jahdmu xi erba'gimghat. Il-konvenuta min-naha taghha qalet illi b'kollox l-attur kien mar ghandha hames darbiet u b'kollox ma hadimx iktar minn erbgha u ghoxrin siegha. Il-konvenuta qalet ukoll illi f'Dicembru, 2009 meta kienet inharqet plakka dan kien gara xahrejn wara li kienu tlestew ix-xoghlijiet, meta fix-xhieda taghha stess kienet ukoll qalet li x-xoghlijiet kienu tlestew f'Lulju tas-sena 2009. Bejn Lulju u Dicembru kienu ghaddew hames xhur u mhux xahrejn.

It-Tribunal huwa tal-fehma li ghalkemm Mario Debono, huwa *electrician* prodott mill-konvenuta, huwa jhossu sodisfatt mix-xhieda tieghu u ghaldaqstant ha jistrieh fuq

din ix-xhieda sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa tal-vetenza ta' din nil-kawza. Illi skont il-verzjoni tal-istess xhud, li hu kwalifikat sabiex jaghmel xoghol ta' *electrician* qal illi x-xoghol ma kienx sar skont is-sengha u li xi xoghlijiet kienu kontra r-regolamenti tal-Enemalta u kontra l-*International Electrical Engineering Regulations*. Illi t-Tribunal fehem illi l-attur m'huwiex licenzjat bhala *electrician* izda xorta wahda ghamel xoghol ta' *electrician* u ppretenda li jithallas skont ir-rati ta' *electrician* kwalifikat. Illi kieku l-attur kien ta' l-affari tieghu kien igib *electrician* kwalifikat sabiex jiccertifika ix-xoghol li ghamel izda dan ghazel li ma jgib lil xi hadd ikwalifikat sabiex jiccertifikalu xoghlu.

In konkluzjoni, t-Tribunal huwa konvint illi x-xoghol li kien ghamel l-attur ghall-konvenuta ma kienx xoghol ta' mija u hamsin ewro (€150). Illi x-xoghol li kien ghamel l-attur, kif qal sewwa Mario Debono, kellhom semmaj jiswew seba' mitt ewro (€700) eskluz il-VAT. Izda t-Tribunal ma jistax jinjora li x-xoghlijiet kellhom xi nuqqasijiet serji li jmorru kontra r-regolamenti tal-*Enemalta.* Izda t-Tribunal m'ghandux dubju ukoll illi l-konvenuta ma riedetx thallas ghal xoghol sewwa ghaliex kien jirrikjedi iktar flus u iktar xoghlijiet fid-dar. It-Tribunal m'ghandux dubju ukoll li l-attur kien issuggerilha li jsir dan ic-*circuit* il-gdid. Illi rrizulta li x-xoghlijiet kif saru huma per konsegwenza tan-naturi tax-xoghlijiet kif imwettqa, ta' nkonvenjenza ghall-konvenuta izda ma jidhirx illi din l-inkonvenjenza qieghda ddejjaqha ghaliex sal-lum lit-Tribunal jirrizultalu li ghal mija u hamsin ewro (€150), hija ghadha ma nstallatx is-sistema gdida kif kien gie ssugerit lilha li kellha taghmel.

Illi t-Tribunal huwa konvint li l-konvenuta ma riedetx thallas lill-attur ta' xoghlu mhux ghaliex ix-xoghol kien sar hazin, izda ghaliex il-kont kien eccessiv. Illi kieku hija kienet konvinta li x-xoghol sar hazin allura messa sal-lum irrimedjat dan ix-xoghol li skont il-verzjoni taghha huwa daqshekk hazin. Illi hija l-fehma tat-Tribunal, li kieku l-attur kien tal-affari tieghu f'xoghlu ma kienx jaghti s-servizz li ta, ghaliex ma kienetx sistema professjonali.

It-Tribunal jhoss illi fic-cirkostanzi tal-kaz, il-konvenuta ghandha thallas lill-attur ta’ xoghlu partikolarment tal-materjal u ghax-xoghol li sar tajjeb minnu, izda t-Tribunal ma jhossx illi l-attur ghandu jithallas bl-istess rata ta’ *electrician* kwalifikat u tas-sengha u ghalhekk il-parti tax-xoghol ta’ idejh ghandu jinqasam bin-nofs.

It-Tribunal, filwaqt illi jifhem illi parti mix-xoghlijiet tal-attur ma sarux skont is-sengha u r-regolamenti tal-*Enemalta* u r-regolamenti tal-*International Electrical Engineering Regulations* kien hemm certu xoghlijiet li saru sewwa. Fehem ukoll illi nonostante li x-xoghlijiet ma sarux skont is-sengha, l-konvenuta sal-lum ma rrimedjatx is-sistema u ghadha bl-istess sistema fid-dar taghha u ghalhekk it-Tribunal jifhem illi l-konvenuta llum, kwazi sentejn wara li l-attur hadem f’darha hija tinsab komda bis-sistema tal-elettriku li ghandha.

Ghar-ragunijiet imsemmija, t-Tribunal qieghed *arbitrio buoni viri* jillikwida s-somma dovuta mill-konvenuta limitatament ghall-erba’ mija u hamsin ewro (€450) u b’dan l-ammont, l-attur ghandu ikun adegwatament ikkumpensat ghax-xoghlijiet li wettaq bil-limitazzjoni tieghu u l-konvenuta min-naha taghha ma tistax tippretendi li ma thallasx ghax-xoghlijiet kollha li saru partikolarment meta sal-lum hija ma irrimedjatx ix-xoghlijiet tal-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas fis-somma ta’ erba’ mija u hamsin ewro (€450) ghax-xoghlijiet imwettqa mill-attur bl-interessi mill-1 ta’ Awissu, 2009 sal-lum.

Spejjez a karigu tlett kwarti ghall-attur u kwart ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------